MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2001

Numru 363/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Carmela Spiteri**

**Illum 12 ta’ Gunju, 2004**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmela Spiteri** ta’ 34 sena, mwielda Pieta’, fl-24 ta’ Dicembru, 1966, bint missier mhux maghruf u Mary Rose Spiteri, mart El Sayed Abdel-Ghani Ahmed Ibrahim, residenti 116, Appartament nru 2, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta, detentrici tal-karta ta’ l-identita numru 13467M;

Talli nhar l-10 ta’ Gunju, 2001, ghall-habta tal-11.30a.m., gewwa Triq Testaferrata, Gzira attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita’ kompetenti u cioe’ PS 57 R. Caruana u PC 418 J. Rapinett u dan ai terminu tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin ingurjat jew hedded jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzgha jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni ta’ PS 57 R. Caruana u OC 418 J. Rapinett u dan bi ksur ta’ l-art. 95 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-art. 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdejtx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtoritajiet jew ta’ persuni li jkunu nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, jew ma hallithomx jew fixklithom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor indahlet fi dmirijiet taghhom billi ma hallietx lil min hu nkarigat jaghmlu dak li b’ligi kienu ornati jew jistghu jaghmlu jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi u dan bi ksur ta’ l-art. 338 (cc) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skond l-Art. 370(4) tal-Kodici Kriminali u n-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputata biex il-kaz taghha jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibha hatja;

Rat l-art. 95, 96, 338 (dd) (ee) tal-Kap 9.

Wara li rat l-fedina penali tal-imputata.

Tilliberraha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien sentejn skond l-art. 22 Kap 446.

Il-Qorti fissret l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------